MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 539/2002/1

**Mons. Joseph Dalmas**

**vs**

**Iris Dalmas**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' April 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat il-11 ta' Settembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

Illi tikkonsenja lill-attur, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn din il-qorti, inkwatru "*still life*" ta' frott u fjuri prevja d-dikjarazzjoni li l-imsemmi inkwatru huwa proprjeta' tal-istess attur;

Illi fin-nuqqas li taghmel dak lilha mitlub fl-ewwel talba, thallas lill-attur il-valur tal-istess inkwatru skond stima li ghandha tigi likwidata minn din il-qorti, okkorrendo, bl-ghajnuna ta' periti nominandi;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Ghal fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi l-valur tal-inkwatru ma' jeccedix l-elfejn u hames mitt Lira Maltin (LM2,500.00,0);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-23 t'Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi l-inkwatru in kwistjoni huwa propjeta' tal-konvenuta;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-noti pprezentati mir-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sitentitkament kompilati bil-mod segwenti:

Illi l-partijiet involuti kienu ilhom jabitaw flimkien mill-1957;

Illi fl-1998 l-attur jirrizulta li kien involut f'incident awtomobilistiku u stante li ma setghax jibqa' jkun akkudit

mill-konvenuta kellu jitlaq mir-residenza ordinarja tieghu u jmur, flimkien mal-konvenuta jirrisjedi ghand ohtu ohra;

Illi rigward l-oggett meritu tal-procedura odjerna jirrizulta li dan kien gie kommissjonat espressament mill-attur li anke xtralu l-gwarnic tieghu;

Illi dan l-oggett originarjament kien jinsab fir-residenza ordinarja ta' l-attur izda wara l-imsemmi incident awtomobilistku u r-rikoveru ta' l-attur ghand ohtu ohra, dan hadu mieghu ghand l-indikata ohtu r-Rabat;

Illi ghalkemm il-konvenuta qed issostni li dan l-oggett tahula l-istess attur ghas-saldu ta' kcina li hi hallset f'xi residenza li kellhom Ghawdex jirrizulta li dan hu awtorevolment konfutat mill-attur;

Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi, u konsegwentement filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta takkolji t-talbiet attrici u tordna lill-konvenuta biex fi zmien xahar millum tikkonsenja lill-attur l-inkwatru meritu ta' din il-procedura u fin-nuqqas thallas lill-attur l-ammont ta' elfejn u hames mitt Lira Maltin, (LM2,500.00,0), bl-ispejjez."

Il-konvenuta hassitha aggravata b' din is-sentenza u bl-appell taghha tattakkaha bl-ilment illi l-versjoni taghha tal-fatti relattivi ghat-titolarita` tal-kwadru kienet aktar verosimili minn dik ta' l-attur;

Kif sewwa sottomess mill-attur appellat l-aggravju jirrizulta li hu wiehed prettament ta' apprezzament ta' fatt fl-ambitu tal-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti. Aggravju dan li kif sewwa irrileva l-appellat ma kienx jimporta ebda punt ta' dritt, hlief forsi ghall-applikazzjoni tar-regola normattiva illi min jallega jrid jipprova. Regola din li kienet applikabbli ghaz-zewg kontendenti gjaladarba anke l-konvenuta ppretendiet li hi kienet il-proprjetarja tal-kwadru, anke jekk ghandu jkun rikonoxxut illi l-prova nkombenti fuq il-konvenuta ma kienetx tiddispensa jew tiddisimpenja lill-

attur mill-oneru primarju li adegwatament jforni prova in sostenn tal-pretensjoni tieghu. Jokkorri ghalhekk li din il-Qorti tezamina r-rizultanzi processwali biex tara jekk jezistux ragunijiet gravi li kellhom iwassluha ghall-konvinciment li l-ewwel Qorti kienet zbaljata fl-apprezzament taghha. Kif maghruf, fin-nuqqas ta' tali konvinciment din il-qorti ta' revizjoni ma kellhiex tissostitwixxi l-apprezzament taghha tal-provi ghal dik ta' l-ewwel qorti li quddiemha jkunu ngiebu dawk l-istess provi. Ara "**Frans Galea -vs- Alfred Brincat**", Appell, 25 ta' Frar 2000;

Fir-rigward tal-provi rizultanti din il-Qorti qeghda telenka dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Jidher b' mod generali illi ma tezisti l-ebda disputa illi l-kwadru in diskussjoni kien originarjament proprjeta` ta' l-attur. Kien hu li ordnah minghand il-puttur Frank Borg u kien hu wkoll li xtara l-gwarnica ghalih minghand l-irkantatur Rizzo. Ara Affidavit tieghu (fol. 57). F' dan hu sostenut ukoll minn Violet Casabene (fol. 34) u Antonia Mikelon (fol. 26) li jghidu li l-kwadru kien ghall-bidu ta' huhom l-Monsinjur;

(2) Il-vera kontestazzjoni bejn il-kontendenti tirrigwarda r-raguni ta' kif dan l-istess kwadru sab ruhu ghand il-konvenuta appellanti. Skond il-versjoni ta' l-attur il-kwadru ttiehed ghand ohtu l-konvenuta fil-post abitat minnha fil-Qawra biex iserhilha rasha li kien ser jerga' jmur maghha. Dan ghamlu fil-perijodu meta hu kien qed jirrisjedi ma' ohtu l-ohra Carmen German fid-dar taghha fir-Rabat wara li kien korra serjament f' incident stradali. Din il-versjoni hi korroborata mid-dikjarazzjoni ta' l-istess Carmen German fl-affidavit taghha (fol. 64), anke jekk din ix-xhud tghid ukoll illi huha l-attur ha l-kwadru ghand il-konvenuta biex igawduh it-tnejn (fol. 20);

(3) Ghall-kuntrarju l-appellanti ssostni illi l-attur kien taha l-kwadru in kontrakkambju talli hi hallietlu sett tal-kcina li xtrat ghall-post ta' Ghawdex fejn ghamlet zmien tirrisjedi (ara xhieda taghha fil-kawza fl-ismijiet inversi per

Avviz numru 523/2003, fol. 73). Skond Violet Casabene, meta f' okkazjoni minnhom cemplet lill-attur biex dan jaghti lill-konvenuta, bi bdil, il-kcina li kellha Ghawdex ma' dik l-ohra li kellha presumibilment fil-post tal-Qawra, dan wegibha illi ma kienx dispost jaghmel hekk peress li kien gja ta lill-konvenuta l-kwadru *de quo*. Ara xhieda taghha a fol. 34, kif sorretta wkoll minn dik ta' ohtha Evelyn Psaila (fol. 38) li kienet prezenti fl-okkazjoni ta' din it-telefonata;

Minn dak s' issa stabbilit f' dawn l-osservazzjonijiet huwa bil-bosta evidenti illi l-kwestjoni l-aktar sostanzjali f' dan il-kaz huwa jekk il-Qorti kellhiex temmen lill-appellanti fl-asserzjoni centrali taghha illi huha l-attur kien ghaddhielha l-kwadru ghall-motiv fuq espost. Jew kellhiex taccetta invece dik ta' l-attur bhala l-aktar possibbli u verosimili. Jinsab deciz illi f' materja ta' konflittwalita` "l-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjaliment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant" (**Kollez Vol. L P II p 440**);

Jidher mill-motivazzjoni tas-sentenza appellata illi l-ewwel Qorti kkontentat ruhha illi gjaladarba l-allegazzjoni tal-konvenuta giet "awtorevolment kkonfutata mill-attur", *ergo* dan kien bizzejjed biex jiskredita l-versjoni provvduta mill-appellanti. Fil-fehma ta' din il-Qorti r-ragonament kellu jkun jekk in bazi tad-dritt razzjonali probatorju l-fatt sostnut mill-attur appellat illi l-kwadru ghaddieh lil ohtu biex iserhilha rasha kienx sufficjentement provat. Ezercizzju dan li fi kwestjoni ta' kredibilita` kellu jinduci ghall-apprezzament aktar approfondit tal-provi forniti fil-gudizzju. Hu minn dan l-ezercizzju li l-gudikant jakkwista dik ic-certezza morali tal-verita tal-fatti. (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 525; Vol. XXXVI P I p 319**). Fil-hsieb ta' din il-Qorti, il-qorti nferjuri naqset milli tesplora fil-fond il-provi li setghu jikkonkorru biex tigi sewwa stabbilita l-verita`;

Huwa fatt illi f' xi zmien l-kwadru taht konsiderazzjoni ghadda mill-pussess ta' l-attur fil-pussess tal-konvenuta appellanti. Huwa fatt ukoll illi l-attur jipprovdi spjegazzjoni ghal dan it-trasferiment. Tinsorgi hawn il-mistoqsija jekk din kienetx spjegazzjoni possibbli u minn lewn id-dinja, tenut ukoll rigward ghal fatt illi fir-realta` processwali kienu jezistu zewg versjonijiet konfliggenti;

Minn ezami taghha tal-provi, senjatament l-affidavit ta' l-istess attur, din il-Qorti tistqarr li tinsab perplessa kif l-attur, filwaqt li jsostni illi dan il-kwadru "hu ghaziz hafna ghalija" u "ma nafdahx hemmhekk maghha", kemm ghaliex jghid li ohtu tiddisponi mill-affarijiet u, forsi wkoll, ghax hu jsostni li ohtu hi affetta minn mard mentali, fl-istess waqt, u nonostante li kif ammess minnu garr lura ghall-post tar-Rabat minn dak tal-Qawra xi affarijiet, ma hax il-briga biex f' dik l-istess epoka jgorr ukoll, u anzi qabel kollox, il-kwadru hekk ghaziz ghalih. Dan anke jekk b' certa rizerva, jigi accetta dak mistqarr mill-attur illi dan kien ta' certu kobor u ried attenzjoni specjali biex jingarr. F' dak iz-zmien certament la kien jezisti attrit bejn l-ahwa u lanqas piki u jekk, kif intqal, il-kwadru kien intbaghat fil-post tal-Qawra biex jitgawda mit-tnejn u ghas-serhan ta' mohh il-konvenuta, gjaladarba l-konvenuta kienet telghet toqghod ma' huha r-Rabat, kien mistenni li l-kwadru jigi traportat f' dak il-lok ukoll;

Konsiderati dawn ic-cirkostanzi kemm verament jista' jitqies plawsibbli illi l-kwadru kien, u hekk baqa', proprjeta` ta' l-attur. Hi esigenza logika illi min jallega fatt, ghalih favorevoli, ghandu b' dover jaghti prova dimostrattiva ta' l-ezistenza ta' dak l-istess fatt. Hu veru li l-attur ipprova li ghal bosta snin dan il-kwadru kien tieghu izda, fil-fehma ta' din il-Qorti, naqas milli sufficjentement jipprova ghall-konvinciment taghha illi dak l-istess kwadru baqa' hekk proprjeta` tieghu u ma ghaddhiex ukoll fil-pussess tal-konvenuta in bazi ghall-ispjegazzjoni minnha provvduta. In vista ta' din il-konkluzjoni din il-Qorti ssib illi dan huwa wiehed minn dawk il-kazijiet fejn jinhass

necessarju illi biex tigi evitata ngustizzja din il-qorti ta' revizjoni tiddisturba tassew l-apprezzament ta' l-ewwel tribunal billi skond il-konvinciment morali taghha l-provi prodotti ma kienux, u ma setghux, iwasslu ghall-konkluzjoni li ghaliha waslet l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost hu wiehed gustifikat u s-sentenza appellata timmerita li tigi revokata. Konsegwentement, din il-Qorti qeghda tichad it-talba ta' l-attur kif minnu dedotta fl-avviz. Tordna pero` illi in vista tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet bid-dritt tar-Registru bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------